MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 935/2010

**Mobisle Communications Ltd (C24655)**

**vs**
**Outwest Limited (C21627)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta Frar 2010, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u wiehed u hamsin Ewro u ghoxrin centezmi (€151.20) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez dawk ta ittra ufficjali tal-2 ta' Dicembru 2009 u mandat ta' sekwestru u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li is-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u wiehed u hamsin Ewro u ghoxrin centezmi (€151.20) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------